MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru 8/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Borg u**
**John Sultana**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-22 ta' April 2004 kontra l-imsemmijin Joseph Borg u John Sultana u li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzahom (1) li assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta u barra minn dawn il-

Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni; (2) li importaw, gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), u cioe` meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija; (3) li ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokaina lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kienu awtorizzati skond il-ligi; (4) li kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom; (5) lil Joseph Borg wahdu li forna, ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kien awtorizzat skond il-ligi; (6) lil John Sultana wahdu li importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmijin Joseph Borg u John Sultana debitament registrata u li fiha l-istess akkuzati ippersistew anke wara li gew debitament imwissija minn dik il-Qorti skond l-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, iddikjarathom hatja skond il-kapi ta' l-imsemmi att ta' akkuza u kkundannat: lil Joseph Borg ghall-piena ta' tlettax-il sena prigunerija bit-tnaqqis tal-perijodu ta' l-arrest preventiv, kif ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti fi tnax-il xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' mitejn wiehed u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm241.55) rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati; lil

John Sultana ghall-piena ta' erbatax-il sena prigunerija bit-tnaqqis tal-perijodu ta' l-arrest preventiv, kif ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' tnejn u ghoxrin elf liri Maltin (Lm22,000) li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti fi tnax-il xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' mitejn wiehed u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm241.55) rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process u ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli tal-hati. Giet ordnata wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita u ta' l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti sakemm fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza l-Avukat Generali ma jinfurmax lil dik il-Qorti li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni; u dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat hekk:

"Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza, li jinsabu registrati w senjatament imma mhux biss dawn li gejjin u cioe` illi kien hemm diversi ragunijiet f'dan il-kaz partikolari biex din il-Qorti tkun tista' tezercita d-diskrezzjoni fl-ghoti tal-piena li taghtiha l-ligi fl-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 u fl-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101. Fost dawn kien hemm, fil-kaz tal-hati Borg l-ammissjoni bikrija li ghalih kien applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 – kif anki qablet il-Prosekuzzjoni;

Li kien wera koperazzjoni totali mal-Pulizija u kien kixef mal-ewwel li hu ma kienx persuna kriminali izda gie ittantat dak il-mument u waqa' ghat-tentazzjoni ta' l-offerta u l-involviment tieghu fl-operazzjoni kien wiehed "de minimis";

U fil-kaz tal-hati Sultana li hu kkopera mal-Pulizija u kixef xi persuni f'Malta u anki xehed kontra terzi;
Li hu kien biss il-"middle man" fl-operazzjoni;
Li hu kien dipendenti mid-droga;

Li dejjem kien hadem bhala truck driver u kellu paga tajba u li ghalhekk il-piena kellha tkun ghalhekk vicin l-ghaxar snin u l-multa vicin il-minimu taghha;

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur li hawn si trattava ta' organizzazzjoni fi tliet livelli, fejn kien hemm min kien qed jiffinanzja, min qed jorganizza u min kien courier;

Il-hati Sultana kien l-intermedjarju li sahansitra mar l-Olanda u gab mieghu zewg kilos droga kokaina. Borg jista' jkun li kellu rwol minuri izda dan ha vantagg mill-posizzjoni li hu kellu fl-impieg tieghu mas-Sea Malta biex nizzel id-droga l-art minn abbord. Ghalhekk fil-kaz ta' Borg il-minimu tal-piena kellu jkun ta' tnax il-sena prigunerija;

Ikkonsidrat:

Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha ammessi mill-hatja hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hatja, il-kondotta ta' qabel tal-hatja, il-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira;
Illi qieset li skond l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap.101, meta reat kontra dik l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja jkun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1)

ta’ l-artikolu 24A, il-Qorti **GHANDHA** tassattivament, b’zieda ma kull piena ohra fis-sentenza, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli jew immobbli tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, salv imbaghad il-procedura specjali b’rikors taht l-artikolu 22C tal-Kap.101, sabiex – *b’azzjoni separata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili* – tinkiseb dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta’ xi reat taht dik l-Ordinanza lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk;

Illi raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li l-hatja ammettew;

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **“Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b’ xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena;

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**”, [17.7.2002]. F’din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi fir-rigward u li gie citat u addottat ripetutament mill-Qrati taghna;

Ikkonsidrat ;

Qieset ukoll, li r-reati taht l-ewwel, it-tieni u r-raba' kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz biex isir ir-reat taht it-tielet kap tal-Att ta’ l-Akkuza w ghalhekk, ghall-fini tal-

piena ghandha tinghata l-piena ghal reat minnhom biss a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap. 9;

Qieset li fil-waqt li l-hati Borg ghandu kondotta nadifa, il-hati Sultana kien diga` instab hati darbtejn ohra fuq pussess tad-droga erojina;

Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f'dan il-kaz si trattava ta' kwantita` ta' 1941.2 grammi kokajina ta' purita` ta' circa 88% (fol.213 tal-process) fil-kaz taz-zewg hatja, apparti li l-hati Borg kien involut ukoll fi taffikar ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis u l-hati Sultana kien ukoll involut fl-importazzjoni ta' erojina. Qieset ukoll li d-delitti ammessi mill-hatja qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta` Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zghazagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq daharhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Borg ipprezentat fit-28 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti tar-reita` u (2) thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tikkundanna lill-appellant ghal piena anqas harxa;

Rat ukoll ir-rikors ta' John Sultana pprezentata fit-2 ta' Awissu 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma l-htija ta' l-appellant skond l-istess sentenza u tirriforma l-piena ghal wahda anqas harxa bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qabel xejn tosserva mill-bidu nett li hawn si tratta ta' appelli minn piena wara li l-appellanti kienu ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom u ppersistew

f'dik l-ammissjoni anke wara li gew imwissija mill-ewwel Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni taghhom. U kif din il-Qorti dejjem irriteniet[1] u hawn tirribadixxi, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

L-aggravu ta' l-appellant Joseph Borg hu li l-piena nflitta fuqu kienet harxa wisq. Huwa jaghti diversi ragunijiet ghal dan: (1) l-involviment tieghu kien minimu - kull ma kellu jaghmel kien li jzomm il-pakkett kontenenti l-kokaina ghal ftit minuti biex inizzlu minn fuq il-vapur u jghaddih lill-ko-akkuzat l-iehor; (2) ma kellu x'jaqsam xejn mal-finanzjament biex tinxtara d-droga; (3) il-prosekuzzjoni stess qablet li kellha ssir distinzjoni bejn l-akkuzati biex jigi rifless ir-rwol minimu li kellu; (4) ghalkemm l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-konfront tieghu biss, id-differenza bejn il-piena nflitta fuqu u dik fuq il-ko-akkuzat l-iehor hija zghira wisq u dan ma jittrasmettix il-messagg intenzjonat mil-legislatur f'dak l-artikolu; (5) il-fedina penali tieghu m'ghandhiex x'taqsam ma' dik tal-ko-akkuzat l-iehor.

Ir-reati li dwarhom l-appellant gie dikjarat hati skond il-kapi kollha ta' l-att ta' akkuza addebitati lejh igorru maghhom il-piena indeterminata ta' prigunerija ghall-ghomor mentri huwa gie kkundannat ghall-piena determinata ta' tlettax-il sena prigunerija (flimkien ma' *multa*). Is-subartikolu (1) ta'

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Serag F. H. Ben Abid**, 4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 11 ta' Novembru 2004.

l-artikolu 492 tal-Kap. 9 jaghmilha cara li kwalunkwe tnaqqis fil-piena minhabba l-ammissjoni ta' l-akkuzat (cioe` tnaqqis mill-piena indeterminata ta' prigunerija ghall-ghomor ghal wahda determinata ta' bejn tmintax-il sena u tletin sena) hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan is-subartikolu ma jorbot idejn il-Qorti b'ebda mod. Anke qabel l-introduzzjoni ta' dan is-subartikolu[2], il-linji gwida li kienu gew enuncjati mill-Qrati taghna kienu fis-sens li ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament tissarraf f'riduzzjoni fil-piena[3]. Kull Qorti kellha u ghad ghandha d-diskrezzjoni li tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax tnaqqis fil-piena minhabba li tigi registrata ammissjoni. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-ewwel Qorti hadet din id-disposizzjoni tal-ligi in konsiderazzjoni bhalma hadet ukoll in konsiderazzjoni l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap. 101 li jipprovdi li meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, hija tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira. Fiz-zewg kazijiet il-piena massima hija ta' tletin sena. Tnaqqis b'zewg gradi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 iwassal ghal piena massima ta' tnax-il sena[4] relattivament ghall-ewwel erba' kapi ta' l-att ta' akkuza stante li, kif gie dikjarat fis-sentenza appellata, ir-reati taht l-ewwel, it-tieni u r-raba' kapi servew bhala mezz biex isir ir-reat taht it-tielet kap u ghalhekk ghall-fini ta' piena ghandha tinghata l-piena ghal reat minnhom biss a tenur ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. L-appellant Joseph Borg imbaghad gie dikjarat hati wkoll tal-hames kap ta' l-att ta' akkuza konsistenti fir-reat ta' traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis fejn allura l-piena applikabbli kienet dik bhall-kapi l-ohra ta' l-att ta' akkuza. Huwa ghalhekk evidenti li l-piena nflitta hija sew entro l-parametri tal-ligi u

---

2 Bis-sahha ta' l-artikolu 114 ta' l-Att III ta' l-2002.
3 Ara Appell Kriminali: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri**, 5 ta' Lulju 2002.
4 Artikolu 31(1)(b)(i)(ii)(iii) tal-Kap. 9.

l-ewwel Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni. Anzi din il-Qorti hi soddisfatta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni kull ma kien hemm bzonn meta giet biex tiddetermina l-piena.

Huwa veru li mill-fedina penali ta' l-appellant Joseph Borg jirrizultaw reati minuri li jirrisalu ghall-1978 u l-1981 u li kkoopera bis-shih mal-Pulizija meta sahansitra accetta li jippartecipa, kif fil-fatt ghamel, f'konsenja kkontrollata. Madankollu jirrizulta li din kienet it-tieni darba li huwa abbuza mill-impjieg tieghu mas-Sea Malta peress illi, kif jammetti hu stess fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, f'okkazjoni ohra kien nizzel minn abbord il-vapur li fuqu kien qieghed jahdem pakkett tal-Pringles kontenenti raza tal-cannabis u li kien ghaddielu l-istess ko-akkuzat. Din tidher li kienet speci ta' *trial run*. Di piu` din il-Qorti ma tistax tinsa li l-ammont ta' droga hawn kien wiehed sostanzjali, kwazi zewg kili kokaina (1941.2 grammi skond ir-rapport ta' l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud) ta' purita` ta' madwar 88%. Huwa minnu li l-iskop ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 huwa sabiex ihajjar persuni li jkunu akkwistaw xi medicina perikoluza biex jghinu lill-Pulizija jaqbdu l-persuna jew persuni li jkunu pprovdew dik il-medicina perikoluza. Fl-istess hin, anke bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-pieni ma jistghux ikunu miti zzejjed b'mod li ma jservux ta' deterrent biex tigi protetta s-socjeta`. Wara kollox min ikun ippartecipa f'reati bhal dawk in dizamina ma jkunx qaghad jikkunsidra l-hsara li d-droga involuta tkun se taghmel lil min juzaha; dak li jinteressah huwa kemm se jaqla'. Barra minn hekk il-pieni ghandhom ukoll skop ta' deterrent generali u din il-Qorti trid turi li *crime does not pay* u li min jigi dikjarat hati ta' ghemilu jrid jirrispondi ghal dak l-ghemil skond il-ligi. Fil-kaz in ezami l-appellant Joseph Borg ammetta, ibbenefika mit-tnaqqis kollu possibbli kif provdut fil-ligi u nghata sentenza konformi mal-gravita` tar-reati attribwiti lilu wara li sar dak it-tnaqqis.

Ghaldaqstant l-appell ta' Joseph Borg qieghed jigi respint.

L-aggravju ta' l-appellant l-iehor John Sultana jirrigwarda l-artikolu 29 tal-Kap. 101 li jghid li l-ewwel Qorti skartat fil-

konfront tieghu. Jghid li galadarba huwa vvolontarja anke wara li kien ammetta biex jipprova jaghraf il-persuna li kienet ipprovdietlu d-droga, u dan minn fuq *identikits* murijin lilu izda li ma kinux jinkludu l-persuna kkoncernata, u stante li ta l-informazzjoni dwar il-persuni lokali li kienu qeghdin jiffinanzjaw l-akkwist tad-droga, l-ewwel Qorti kellha tapplika fil-konfront tieghu l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

**"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, <u>il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process</u> li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex <u>taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha</u> l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel <u>tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija</u>, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja b'terz jew b'nofs"** (sottolinear tal-Qorti).

L-espressjoni "ghenet … biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni" ("has helped … to apprehend the person or persons", fit-test Ingliz) tfisser mhux semplicement li l-hati jkun indika lil xi persuna jew persuni bhala l-persuna jew persuni li pprovdewlu d-droga, izda li tali indikazzjoni <u>tkun verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant il-Qorti</u>, dak pero`, li jkun ipprovdielu d-droga.

Jirrizulta mill-atti ta' l-istruttorja, u specifikatament mill-istqarrija ta' l-appellant, li fil-fatt huwa identifika l-persuna li qabbditu biex jiltaqa' ma' min kellu jghaddilu d-droga fl-Italja u identifika wkoll min ghaddielu l-flus. Ghamel tentattiv biex jidentifika l-persuna li kienet ipprovdietlu d-droga meta xehed quddiem l-ewwel Qorti u dan a bazi ta' *identikits* esebiti mill-prosekuzzjoni, sfortunatament minghajr ezitu favorevoli.

Ghalhekk stante li l-kooperazzjoni ta' l-appellant John Sultana ma wasslitx biex "tinqabad" il-persuna li "pprovdietlu" d-droga, u anke kieku identifika xi hadd minn fuq l-*identikits* kien ghad jonqos li l-Pulizija "taqbad" lill-

persuna koncernata, l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli fil-konfront tieghu. Ciononostante din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni tali kooperazzjoni meta giet biex tinfliggi l-piena ghax il-piena inflitta kieku kienet tkun ferm oghla.

Fid-dawl ta' dan kollu u anke tal-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward ta' l-appellant l-iehor Joseph Borg sa fejn applikabbli, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell ta' John Sultana mhuwiex fondat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell kemm ta' Joseph Borg kif ukoll ta' John Sultana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li z-zmien ghall-hlas tal-multa ghandu jkun regolat skond il-ligi, u b'dan ukoll li z-zmien sabiex l-Avukat Generali jiddikjara jekk id-droga esebita hijiex mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------